DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

Rotta 3

**IT-TIENI SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

**Din il-karta tal-eżami fiha Sitt Taqsimiet (A, B, Ċ, D, E, u F). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A**

**Imla l-vojt b'dan il-kliem:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| għajnuna reċiproka | l-egoiżmu | mis-soċjetà ċivili | għaqda volontarja | *peer group* |
| solidarjetà | kultura | il-multikulturaliżmu | edukazzjoni informali | proċess ta' soċjalizzazzjoni |

1. ______________________________ hu ħażin għax ma nistgħux naħsbu biss fina nfusna.
2. In-nies ta' pajjiż jagħmlu parti ______________________________.
3. Il-grupp ta' ħbieb li l-aktar li jinfluwenzani jissejjaħ ______________________________.
4. Meta l-bnedmin jgħinu lil xulxin ikun hemm ______________________________.
5. Il-ġabra ta' snajja', tradizzjonijiet, il-lingwa, u l-mod ta' kif ngħixu flimkien jissejħu ______________________________.
6. Meta bniedem jifhem u jgħin lil ħaddieħor ngħidu li jkun qed juri sens ta' ______________________________.
7. It-tagħlim li nieħdu minn gazzetti, mezzi tal-*media*, kotba u ġurnali nirreferu għalih bħala ______________________________.
8. ______________________________ jibda jeżisti f'pajjiż meta jkollok ħafna nies ta' razez differenti jgħixu f'daqqa.
9. It-tagħlim ta' normi, valuri u regoli ta' mġiba li nieħdu mingħand il-ġenituri jseħħ permezz tal-______________________________.
10. Grupp ta' nies li joffru l-ħidma tagħhom bla ħlas għall-ġid tal-oħrajn ikunu membri ta' ______________________________.

**(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

**Taqsima B**

**Qabbel Kolonna A ma’ Kolonna B billi tikteb in-numru t-tajjeb fin-nofs:**

| A | | B |
|---|---|---|
| 1. Valuri | | televixin, radju, kompjuter, gazzetti |
| 2. Stil ta’ ħajja | | dak li jagħmlek dak li int |
| 3. Talent | | modi ta’ mġiba skont il-grupp soċjali |
| 4. Karattru | | il-prinċipji li nuża biex nagħraf it-tajjeb mill-ħażin |
| 5. Personalità | | il-mod kif ngħixu, nilbsu, nitkellmu, niddevertu |
| 6. Normi soċjali | | l-aspetti fiżiċi, emozzjonali u soċjali li jagħmluni dak li jien |
| 7. Interazzjoni soċjali | | nuqqas ta’ qbil |
| 8. Mezzi ta’ komunikazzjoni | | meta nikkomunikaw, nikkoperaw, nagħmlu ħbiberija |
| 9. Kunflitt | | is-sehem tiegħi fis-soċjetà |
| 10. Rwol | | dak li jien kapaċi nagħmel |

**(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

**Taqsima Ċ**

**Spjega t-termini li ġejjin:**

1. Ġid komuni
2. Tolleranza
3. Persważiv
4. Obbligatorja
5. Globalizzazzjoni
6. Edukazzjoni formali
7. Riċiklaġġ
8. Riżorsi naturali
9. Soċjetà
10. Parlament

**(2 marki x 10 = 20 marka)**

**Taqsima D**

**Kieku kont int f'dawn is-sitwazzjonijiet x'kont tagħmel?**
(*Għandhom jingħataw żewġ marki għal kull eżempju tajjeb*).

1. Qed tisma' lix-xufier tal-linja jkellem b'nuqqas ta' rispett lil persuna ta' razza differenti li għadha kif rikbet…… **(4 marki)**
2. Qed tara lil xi tfal jaħqru annimal…… **(4 marki)**
3. Tiskopri li student fil-klassi qed jisraq mingħand sħabkom…… **(4 marki)**
4. Tara lil xi ħadd jagħmel att ta' vandaliżmu……… **(4 marki)**
5. Sħabek jagħmlu pressjoni fuqek biex tibda tpejjep bħalhom……. **(4 marki)**

**Total: 20 marka**

**Taqsima E**

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha:**

*Ma tistax teżisti ħajja komunitarja jekk ma jkunx hemm sens ta' komunità fl-individwi li flimkien jibnu komunità. Is-sens ta' komunità hu l-kuxjenza li kull individwu jinsab magħqud ma' sħabu fl-istess grupp. Huwa f'komunità ħajja li individwu jħossu li jagħmel parti mir-realtà soċjali u jkun konxju mid-dmirijiet tiegħu lejn ħaddieħor. Din il-kuxjenza tnissel għalhekk ċerta responsabbiltà u hija l-bażi tas-solidarjetà tant meħtieġa fil-ħajja soċjali.*

1. Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex il-gruppi soċjali huma importanti għall-bniedem. **(2 marki)**
2. Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' gruppi soċjali. **(2 marki)**
3. Spjega x'inhi komunità. **(2 marki)**
4. Fil-grupp jista jinħoloq kunflitt. Għid għaliex dan mhux dejjem hu ħaġa ħażina. **(2 marki)**
5. Biex grupp jiffunzjona sew, il-membri jridu jilagħbu rwoli differenti. Spjega. **(2 marki)**
6. Semmi **ŻEWĠ** gruppi ta' pressjoni f'Malta. **(2 marki)**
7. X'inhu grupp volontarju? **(2 marki)**
8. X'inhu x-xogħol tal-UNICEF? **(2 marki)**
9. Semmi **ŻEWĠ** vantaġġi li wieħed jikseb meta jkun fi grupp. **(2 marki)**
10. Il-kunsill lokali għen biex żied is-sens ta' komunità. Kif? **(2 marki)**

**Total: 20 marka**

**Taqsima F**

**Agħżel WIEĦED minn dawn it-temi u ikteb madwar 170-200 kelma dwaru:**

1. Id-drittijiet u d-dmirijiet huma marbutin flimkien. Ikkummenta.
2. Għaliex huwa importanti fil-ħajja li kull bniedem jifhem lill-ieħor?
3. L-ambjent hu tagħna lkoll. Semmi x'għandna nagħmlu bħala ċittadini biex inħarsu l-ambjent.
4. Tkellem dwar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

**(20 marka)**